# GĦODDA GĦALL-MIXGĦELA BIT-TAZZI

Guido Lanfranco

**Fl-Imnara tal-2011, paġna 163, jidher disinn imsejjaħ 'Tazza taż-Żejt' fl-artiklu interessanti dwar l-Armar ta' Barra. Id-disinn, fil-fatt juri l-hekk magħrufa Tazza tal-Madonna li konna nimlewha nofsha bl-ilma u ż-żejt fuqu. Kellha ftila ċkejkna miksija bix-xemgħa magħrufa bħala lumina. Dik it-tazza kienet komuni fid-djar u fil-knejjes. F'din il-kitba qasira rrid nispjega xi ħaġa dwar it-tazzi taż-żejt tal-armar tal-festi.**



Tazzi taż-żejt u żewġ ċimblori bil-ftila (ritratt tal-awtur)

Qabel u meta ġew il-Kavallieri f'Malta, d-dawl tal-festi kien bil-fjakkli u torċi biż-żift, xaħmijiet u żjut. Fi tmiem is-seklu dsatax beda l-elettriku li beda jinfirex ftit ftit lejn l-irħula, imma sas-snin erbgħin tas-seklu għoxrin kien għad baqa' ftit postijiet f'Malta u Għawdex fejn sar l-aħħar użu tat-tazzi taż-żejt. Diversi rħula u bliet, fl-aħħar snin tas-seklu dsatax u fl-ewwel nofs tas-seklu għoxrin kien ukoll jintuża ħafna l-gass ta' l-aċitelena f'xi knejjes, djar u xi armar tal-festi sakemm fl-aħħar infirex sewwa l-elettriku. Hawn tajjeb naraw x'għodda kienu jużaw meta l-mixgħela kienet għadha ssir bit-tazzi taż-żejt.

## IT-TAZZI

Dawn kienu jkunu ta' xi għaxar ċentimetri għoli. L-ilwien kienu minn kullma tista' timmaġina. Kien hemm tazzi trasparenti u oħrajn opaki u kienu jkunu għal kollox lixxi jew b'xi disinn imqabbeż. It-tazzi kienu fil-maġġoranza tagħhom kollha bil-qiegħ ċatt, b'hekk jistgħu jieqfu fuq wiċċ livell, imma kien hawn oħrajn, l-aktar dawk destinati biex jiddendlu f'għamla ta' linef, li kellhom il-qiegħ fit-tond. It-tazzi kien hemm bżonn li jorbtuhom tajjeb ma' pavaljuni jew gwamiċi tal-ħadid kollha tidwir li jiffurmaw disinji dekorattivi, kif ukoll ma' linef, arkati u għamliet oħra ta' armar tal-ħadid biex joħolqu disinn kollu mlewwen bit-tazzi taż-żejt mixgħulin. Biex jorbtuhom fil-post kienu jużaw biċċa passaperla mdawra m'għonq it-tazza u marbuta mad-disinn tal-ħadid.

It-tazzi ma kinux ikunu tal-knisja jew tal-każin imma kienu jinkrew mingħand kuntrattur li kien jimpurtahom bl-eluf u jieħu ħsieb hu bin-nies u l-għodda tiegħu biex jarmahom, jimlihom u jixgħelhom.

## IĊ-ĊIMBLOR

Iċ-ċimblor kien iżomm il-ftila wieqfa fit-tazza taż-żejt. Dan kien ikun magħmul minn xi biċċa landa mibruma qisha bokkin jew ċilindru b'tarf minnhom maqtugħ biex jinfetaħ fi tliet friegħi li jitgħawġu 'l barra u jiffurmaw bħal tliet saqajn biex iċ-ċilindu jista' jieqaf fit-tazza. Idaħħlu ftila fih u b'hekk wara li jitqiegħed ftit żejt fit-tazza, kien ikun lest biex jixgħeluh. Il-ftila ma kinetx speċjali u setgħet tkun magħmula minn kull tip ta' lazz tal-għazel jew spag mill-ixkejjer.

## IL-KANNA TAŻ-ŻEJT

Din kien jaħdima l-landier f'għamla ta' stanjata li kienu jgħidulha kanna taż-żejt. Il-kelma kanna kienu jużawha wkoll għall-landa tal-ilma li fiha kienu jimlew mill-pompa tat-triq. Din il-landa taż-żejt tkun bil-għatu, imżaqqa, biż-żennuna twila u b'maqbad fuq wara. Importanti kien ukoll ganċ fuq nett f'ġenb minnhom biex il-landa tista' tiddendel mas-sellum meta l-ħaddiem li jkun qed jimla jkollu bżonn juża jdejh it-tnejn fuq it-tazzi. Għalkemm kienu jużaw is-sellum biex jimlew it-tazzi, kien hemm irġiel li jiddendlu bil-ħbula mal-faċċata tal-knisja u saħansitra jitbandlu minn post għall-ieħor.

## IL-LANDA TAL-MIĊĊA

Wara li jimlew it-tazzi sa nofshom biż-żejt, ikun imiss li jixgħelu l-ftila taċ-ċimblor. Għal dan ix-xogħol kellhom għodda apposta mill-aktar kurjuża. Għandek mnejn taħseb li biex tixgħel il-ftila trid miċċa bħalma kien ikollu s-sagristan biex jixgħel ix-xema'; imma għaċ-ċimblor ix-xogħol kien wisk differenti. Ikollhom landa għamla konika, bil-qiegħ tond u bil-ponta fuq nett. Din il-landa jkollha żennuna dejqa, ttundjata u twila, manku fil-ġenb (mhux fuq wara) u toqba fuq wara tingħalaq bit-tapp li minnha tista' timliha bil-pitrolju. Fiż-żennuna jkollha ftila. Dak li jixgħel il-ftejjel, l-ewwel jixgħel il-ftila taż-żennuna li tkun ixxarbet bil-potrolju u jibda jqattar il-pitrolju fuq iċ-ċimblor. Il-pitrolu jinżel mixgħul bin-nar, qisu vampa ċkejkna u b'hekk dak ir-raġel li jixgħel ma kienx ikollu għalfejn imiss iż-żennuna mal-ftila taċ-

ċimblor; taqa' qatra pitrolju bin-nar miegħu u l-ftila tat-tazza tixgħel. Bħal min kien iferra' ż-żejt fit-tazzi, dak li jixgħelhom kien spiss ukoll jitbandal bil-ħabel biex jixgħel il-faċċata tal-knisja.

© Guido Lanfranco



Landa (jew Kanna) taż-Żejt (Ritratt tal-Awtur)



Landa tal-Miċċa (Ritratt tal-Awtur)




Id-Dar tal-Publikazzjonijiet *Wise Owl* tar-Rabat, ħarġet il-ktieb **Żwieġ,Twelid u Mewt - Drawwiet u Tradizzjonijiet**, li jaħbat is-sitt ktieb ta' Gwido Lanfranco li ħarġet din id-ditta s'issa, u l-24 ktieb li ppubblika dan il-President Onorarju tal-Għaqda tal-Folklor li tant ħadem fir-riċerka dwar dak kollu li hu Malti.

Il-ktieb jiġbor fih id-drawwiet Maltin li nies ta' ċerta eta kellhom ix-xorti jew l-isfortuna li għixuhom jew li semgħu bihom. Il-ktieb jinkludi tradizzjonijiet u drawwiet minsija li l-awtur sar jaf bihom mingħand nies anzjani li għixuhom jew li kienu semgħu bihom.

F'dan il-ktieb Gwido Lanfranco kiteb dwar it-tradizzjonijiet u drawwiet li jkopru l-ħajja tal-bniedem: it-twelid, il-puberta', ż-żwieġ u l-mewt. Dawn il-passaġġi ewlenin fil-ħajja umana, dejjem kienu t'importanza speċjali għall-familjari, qraba u ħbieb ta' kull wieħed u waħda minna. Dan għaliex il-bniedem minn dejjem kien iħoss il-bżonn li jaqsam il-ferħ u n-niket ma' ħaddieħor.

L-għejun tal-informazzjoni li l-awtur ikkwota f'dan il-ktieb ġejjin minn kull saff tas-soċjeta u min kull rokna tal-Gżejjer Maltin. It-tagħrif miġbur juri li bosta drawwiet ivarjaw f'xi dettalji jew saħansitra totalment differenti skond il-mezzi finanzjari ta' familja u oħra. Id-drawwiet ivarjaw anke minn raħal għal ieħor jew bejn belt u raħal. Kull drawwa hija importanti għal istorja tal-folklor Malti.

**Żwieġ, Twelid u Mewt - Drawwiet u Tradizzjonijiet** hu ktieb importanti u nirrakomandah lil dawk kollha li japprezzaw il-folklor Malti, speċjalment liż-żgħar fl-eta li ftit li xejn għandhom iż-żmien jisimgħu dwar id-drawwiet u t-tradizzjonijiet Maltin u Għawdxin ta' l-imgħoddi.

**George Glanville**